**Minuti tat-Tnejn u Għoxrin (22) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Għoxrin (21) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tal-Wieħed u Għoxrin (21) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 21

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tal-Wieħed u Għoxrin (21) Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 20)**

2.01 Is-Segretarju tat-Tismija tat-Toroq informa lil-Kunsill li l-bord m'aċċettax il-proposta tal-Kunsill li t-triq tissemma' għall-ispiżjar Joseph Sciberras minħabba li diġa hemm toroq f'lokalitajiet oħra bl-istess isem. Il-Kunsillier Alfred Grima, filwaqt li ddiplora l-atteġġjament tal-kontenut tal-email fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv, qal li din il-proposta ilha li ġiet imressqa lil dan il-bord sa minn ħames snin ilu; risposta lill-Kunsill qatt ma ngħatat. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jinsisti li din it-triq tingħata dan l-isem. Jekk din il-proposta ma tigix aċċettata, għandha titressaq il-proposta biex din tissemma' Triq l-Erba' Ankri. Isem ta' Triq

2.02 Id-Direttur tal-Gvern Lokali ta struzzjonijiet biex sakemm tinħareġ l-offerta l-ġdida jinġabru tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li qara l-korrispondenza relatata u rrimarka li huwa llegali li tinħareġ kwotazzjoni u mhux offerta u ħadd m'għandu jibdel il-liġijiet li joħorġu mit-teżor. Ġie deċiż li l-Kunsill jieħu l-parir legali. Kuntratt ta' ġbir ta' Skart

2.03 Il-Kunsill innota li kien hemm dewmien fit-trasport tal-apparat mill-Italja. Il-kuntrattur siefer għal tlett gimgħat u ma xtaqx li jikkonnettjahom meta hu jkun barra minn Malta. Għaldaqstant beda x-xogħol sabiex jitwaħħlu l-arbli u tabella li tindika li qed isir ix-xogħol. Il-bozoz se jiġu kkonnettjati ladarba jasal il-kuntrattur. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li l-kuntrattur mhux affidabbli. Dawl Triq Jean de La Cassiere

Il-Kunsillier Peter Abela qal li hemm cirkostanza partikolari li wieħed għandu jikkunsidra.

* Il-Kunsillier Frank Gauci daħal fil-kamra.

2.04 Peress li l-Kunsill ma rceva l-ebda feedback għandha tintbagħat reminder lill-ADT abbażi li t-triq qed tkun imblukkata f'każi ta' emerġenza. Wardija: Parkeġġ Ristrett

2.05 Il-Kunsillier Mario Camilleri ġibed l-attenzjoni li ma rċeviex żewġ kopji ta' korrispondenza mitluba fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li tal-culvert ta' ħdejn id-DVD Shop intbagħtitlu bħala *silent copy*. Ġie deċiż li għandha tiċċekkja mal-iskrivana kkonċernata dwar dan. Kopja ta' Korrispondenza

2.06 Il-laqgħa mal-kuntrattur saret fejn wera l-intenzjoni li ma jieħux ordnijiet ta' traqqiegħ zgħar għax ma jkunux vjabbli għalih. Patching fil-Wardija

* Il-Kunsillier Martin Zerafa daħal fil-kamra.

2.07 Il-Kunsill approva li l-perit jiġi mistieden għal-laqgħa li jmiss sabiex jinfurmana f'hiex wasalna fil-proċess tal-iżvilupp taċ-ċentru ċiviku ġewwa San Pawl il-Baħar u l-parkeġġ tal-Qawra. Ċentru Ċiviku ġewwa San Pawl il-Baħar u parkeġġ tal-Qawra

2.08 Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mal-iscouts fuq il-post fejn għaliha attendiet is-Sindku flimkien mal-uffiċjali mid-Direttorat għall-Kura tal-Anzjani sabiex dawn ta' l-aħħar jaraw x'hemm bżonn isir biex jimexxu ċ-ċentru, u wara li l-iscouts ingħataw il-kundizzjonijiet approvati mill-Kunsill, dawn infurmaw lill-Kunsill li qed iħossu li l-post mikri għall-użu tal-iskawts qed jiġi ristrett u għaldaqstant qed jirtiraw l-interess tagħhom. Sadanittant is-Segretarju Eżekuttiv u d-Direttur għall-Kura tal-Anzjani tkellmu mal-leader tal-iskawts għal rimedju alternattiv. L-istess direttur issuġġeriet li l-anzjani jagħmlu użu miċ-ċentri eżistenti kemm tal-Mosta, kif ukoll tal-Mellieħa (għalkemm għal dan ta' l-aħħar diġa hemm mitt persuna rreġistrata għalih. Il-Kunsill qed jantiċipa li sabiex dan il-lok ikun jista' mhux se tinstab soluzzjoni u għandu jfittex lok ieħor. Sadanittant is-Sindku nfurmat li permezz tal-MHRA qed tiġi ċċirkulata talba lil-lukandi tal-lokal sabiex naraw jekk għandhomx xi sala x'joffru. Il-Kappillan ukoll ġie avviċinat iżda m'għandux sala disponibbli. Ċentru ta' Matul il-Jum

Ġie kkonfermat li l-Kunsill marbut li jipprovdi post għall-korsijiet tal-kompjuter sabiex isiru fil-lokal. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tal-kuntratt tat-TCTC.

Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mitluba jaraw isibux xi sala f'xi lukanda.

Il-Kunsillier Peter Abela ħareġ mill-kamra.

Tqajjem il-punt ukoll li anke jekk tittieħed is-sala tal-iskawtx jew xi sala oħra mhux se jkun hemm post fejn isiru l-korsijiet partikolarment tal-kompjuter li f'xi ġranet isiru fil-għodu matul il-ġimgħa.

Il-Kunsillier Peter Abela daħal fil-kamra.

Meta sid-iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum eżistenti ġie avviċinat sabiex jikri l-istess kamra użata għall-kompjuters preżentement, dan m'aċċettax.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li avviċina sid ta' binja ġdida fiċ-ċentru tal-lokal li jest li jikrieħ.

2.09 Għandhom jinġabru tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Servizz ta' Podoloġija

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

2.10 Inġibdet l-attenzjoni li l-bejjiegħ tal-pjazza obda r-regoli, iżda dik ta' Burmarrad m'għamlitx hekk. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil dawn il-bejjiegħa kollha fejn jiġu nfurmati li min qed jimblokka l-bankina ser jittieħdu azzjonijiet kontrieh u jkollu jitneħħa. Hawkers

2.11 Gie deċiż li l-korrispondenza tibda taraha s-Segretarju Eżekuttiv malli tasal fil-Kunsill u tiġi mqassma lill-Kunsilliera fil-garżelli fejn meħtieġ. Korrispondenza

## 3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

3.01 **Ref:55/7428/09/I:** Il-Kunsill innota li l-MEPA approvat il-Flower Kiosk ta' Misraħ il-Bajja, minkejja li l-Kunsill kien oġġezzjona għal dan il-proġett għal diversi drabi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma ġiex infurmat li kien ser jiltaqa' il-bord. Gie deċiż li l-Kunsill għandu jappella għall-permezz u joġġezzjona abbażi li ma kienx infurmat u abbażi li kien hemm korrispondenza preċedenti lill-MEPA li l-Kunsill kien qed joġġezzjona għal din il-Flower Kiosk u jinnota li ma kienx innotifikat li ser jiltaqa' il-bord rigward dan il-permess. — Flower Kiosk f'Misrah il-Bajja

3.02 **Ref:55/7370/09/I:** Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni li huwa illegali li jitwaħħlu reklami u posters ta' attivitajiet ma' arbli tad-dawl, ħitan u sinjali oħra tat-trasport. Ser tibda tittieħed azzjoni meta ser jibdew jitwaħħlu. Il-Kunsilli Lokali għandhom jieħdu ħsieb li l-ebda poster bil-logo tagħhom ma jitwaħħlux b'dan il-mod. Minflok, għandhom joħolqu l-mod tagħhom kif jippromwovu dawn l-attivitajiet, per eż. Permezz ta' boards immaniġġjati minnhom f'postijiet ewlenin. — Twaħħil ta' posters ma' arbli

Il-Kunsill jista' jagħti awtorizzazzjoni lil xi entita' biex twaħħal avviżi (anke bi ħlas) fuq notice boards tal-Kunsill, iżda l-ewwel il-Kunsill irid ikun għadda *bye-laws* li jippermettu dan. Jekk Kunsill ikun jixtieq li jagħmel tali *bye-laws* jista' juża *bye-laws* ippubblikati, jimxi skond il-proċess imsemmi fl-artikoli 35 u 36 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali u wara li jingħata l-approvazzjoni mill-Ministru u dawn jiġu pubblikati, ikun jista' jagħmel użu minn tali *bye-laws*.

Il-Kunsill talab li ninfurma lid-Dipartiment sabiex joħroġ avviż biex jinforma lill-Pubbliku dwar dan billi joħroġ avviż fil-gażżetta tal-gvern. Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa min ser ineħħi dawn il-*posters* li huma mwaħħla mal-arbli tal-Enemalta.

3.03 **Ref:55/7228/09/I:** Fuq mistoqsija tal-Istitut Socjo Kulturali San Pawl dwar x'ser isir dwar il-monument tal-Appostlu Missierna San Pawl li kellu jsir fejn ir-roundabout ta' ħdejn Erba' Mwieżeb, il-Kunsill iddeċieda li jlaqqa' il-kumitat. Il-Kunsill ser ikun rappreżentat mis-Sindku u mill-Kunsillier Raymond Tabone. — Monument tan-Nawfraġju ta' San Pawl

3.04 **Ref:55/7228/09/I:** L-Istitut Soċjo Kulturali San Pawl staqsa x'sar minn dik il-għajn tal-ilma li kienet tintuża minn żmien l-antik. Huma pproponew li jerġa' jinstabilha post u terġa' titwaħħal fejn kienet. Il-Kunsill ser jiċċekkja dwar din mal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. — Għajn tal-Ilma Antika

3.05 **Ref:55/7123/09/I:** Tresqet talba sabiex il-Kunsill jisponsorja trasport lit-tfal bi bżonnijiet speċjali tal-lokalita' għall-Eden Foundation. L-ispiża ta' €58 kull darba li jkun hemm bżonn trasport ser tinqasam bejn il-Kunsilli ta' Ħal Lija, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar. Gie deċiż li nistaqsuhom jekk il-kumpanija jekk hux qed tagħmel qliegħ. Jekk fl-affermattiv il-Kunsill m'ghandux jidħol f'din l-ispiża peress li t-tfal qed iħallsu biex jieħdu dan is-servizz. Ir-risposta għandha tiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. — The Inspire Foundation

3.06 **Ref:55/7869/09/I:** Din l-Art Ħelwa ressqet proposta sabiex tippubblika ktejjeb fuq it-Torri u mixjiet f'San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €1.25 kull kopja għal elf kopja bl-arma tal-Kunsill fuq il-faċċata tal-ktejjeb. — Pubblikazzjoni ta' ktieb

3.07 **Ref:55/7156/09/I:** Is-Sindku, Viċi Sindku u Segretarju Eżekuttiv attendew għall-*Workshop* dwar *Leadership*. — Leadership Workshop

3.08 **Ref:55/7512/09/I:** Il-Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki ser issir fis-6 u 7 ta' Novembru 2009 li għaliha s-Sindku u l-Viċi-Sindku ser jattendu. — Laqgħa tas-Sindki

3.09 **Ref:55/7153/09/I:** Hawn annessa, tressqet Memo 61/2009, dwar regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-regolamenti dwar petizzjonijiet quddiem it-tribunali lokali. Kopja ta' din għandha tintbagħat lill-Kunsilliera. — Memo 61/2009

3.10 **Ref:55/7682/09/I:** Il-Ministeru għar-Riżorsi Rurali u Ambjent ippreżenta lill-Kunsill rapport tal-Konsulent tal-Ortikultura dwar siġar li jinsabu quddiem l-ex Carolina Hotel Bugibba u staqsa jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni li dawn jibqgħu hemm peress li kien hemm xi persuna li oġġezzjonat għalihom. Ir-rapport tal-konsulent jgħid li għandhom jibqgħu hemm peress li hija waħda mill-ftit akkwatli li hi mħaddra. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni. Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa jekk kienx hemm xi ħsieb li xi hadd ser jarma fuq il-bankina. Is-Sindku ddikjarat li skont l-informazzjoni li għandha, m'hemm l-ebda ħsieb dwar dan. Ittieħed vot favur li l-bankina bis-siġar tibqa' hemm li ġie hekk: — Siġar ħdejn l-Ex Carolina Hotel

Favur: Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi Sindku John Bray, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa

Kontra: Il-Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone

Astensjoni: Il-Kunsillier Jason Camilleri

Il-proposta għaddiet.

* Il-Kunsillier Peter Abela ħareġ mill-kamra

3.11 **Ref:55/7682/09/I:** Il-Kumitat Konġunt Tramuntana laqqa' lill-membri dwar Street Lighting u ddeċieda li l-kuntratt tal-Mica Med Ltd jiġi estiż bi tlett xhur jiġifieri sa tmiem Marzu 2010, fuq struzzjonijiet li l-kumitat irċeva mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali invista tar-riforma tal-Kunsilli Lokali. — Kumitat Konġunt Tramuntana: Dawl

* Kunsillier Jason Camilleri ħareġ mill-kamra.

3.13 **Ref:55/7581/09/0SM:** Il-Kunsill approva li bejn żewġ u sitt studenti tar-raba' sena mill-Kulleġġ Maria Regina jagħmlu esperjenza ta' xogħol ta' ġimgħa kull wieħed mal-Kunsill. — Job Shadowing minn studenti tal-Kulleġġ Maria Regina

3.14 **Ref:55/7741/09/I:** Ġie deċiż li din il-proposta tintbagħat lill-NGOs tal-lokal. — Euro-Med Youth Online Network

3.15 Il-Kunsill approva, bħas snin l-imgħoddija, li s-Sur Mark Debono jagħmel xogħol ta' manutenzjoni lid-dgħajsa f'Tas-Simenta f'Thalasselejn bejn Jannar 2009 u Marzu 2009. — Manutenzjoni lill-Opra tal-Baħar

3.16 Is-Sindku pproponiet sabiex il-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-perit li qed jipproponi li Triq Gdida fi Triq Annetto Caruana tidjieq jagħti spjega. Il-Kunsill qabel. Wara li l-laqgħa tkompliet ġie deċiż li ssir laqgħa mar-residenti tal-akkwata minnħabba li kien hemm petizzjoni mir-residenti kontra dan l-iżvilup u li ntbagħtet lill-MEPA. Għandu jkun hemm ukoll preżenti, il-Perit Zammit inkarigat mix-xogħol. — Triq Gdida fi Triq Annetto Caruana

* Il-Kunsillier Jason Camilleri u Peter Abela daħlu fil-kamra.

3.17 **Ref:55/6962/09/I:** Il-Kunsill approva li jidħol fl-iSkema tal-MOC Local Councils Sports Awards, fejn għandu jibgħat ittra li fiha jgħid x'attivita' sportiva għamel matul dik is-sena biex jgħin lill-isport Malti jikber. — MOC Sports Award

* Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Jason Camilleri ħarġu mill-kamra.

3.18 **Ref:55/6113/09/I:** Is-Sindku ferħet lis-Sindku tal-Imtarfa li ġie elett bħala r-rappreżentant tar-Reġjun tat-Tramuntana kif ukoll lill-Kunsillier Raymond Tabone li kkontesta l-elezzjoni fuq ir-Reġjun tat-Tramuntana. — Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali

3.19 **Ref:55/6899/09/I:** Is-Sindku ppreżentat ir-Regolamenti tal-2009 dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali. Gie deċiż li l-offerti jinfetħu waqt il-laqgħa u li b'hekk l-offerti li ser ikunu ħa jagħlqu jitpoġġew fuq l-Aġenda qabel sew ma tkun ħa tagħlaq l-offerta. — Regolamenti tal-2009 dwar Offerti

3.20 **Ref:55/7426/09/I:** Il-Kunsill approva li l-Librerija Pubblika tal-lokalita' tibda' tinfetaħ għall-pubbliku tal-Kunsill nhar ta' Sibt bejn it-8.00am u 12.00pm bi spiża ta' €5.59 kull siegħa matul din is-sena kurrenti. Għandhom isiru avviżi fuq in-*notice boards* li dan il-ftuħ addizzjonali tal-librerija ser ikun iffinanzjat mill-Kunsill. Estensjoni ta' ftuħ għal Librerija Pubblika

3.21 **Ref: 55/6881-3/09/I:** Gew ippreżentati tlett stimi mibgħuta mill-uffiċċjal inkarigat mill-garaxx ta' Burmarrad peress li nħasset il-ħtieġa li jitpoġġa extractor fan. Gie deċiż li sal-laqgħa li jmiss l-uffiċċjal jibgħat lill-inġinier sabiex isir rapport mill-BCID. Extractor għall-garaxx ta' Burmarrad

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Settembru 2009 ammontat għal €275 803.46 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2009 ammontat għal €65 808.40. Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi

Il-Kunsillier Alfred Grima rrefera għall-ħlas abbinat mal-applikazzjoni tal-Enemalta għall-ispeed cameras u qal li mhux se jivvota għalihom. Is-Sindku qalet li dawn kellhom jitħallsu biex tkun tista' issir l-applikazzjoni. Ġie deċiż li niċċekkjaw il-kuntratt ta' ftehim.

Il-Kunsillier Mario Camilleri rrefera għal item 544 rigward sinjali llegali u qal li mhux se jivvota għalihom. Is-Sindku qalet li dak kien xogħol li ma sarx mill-Kunsill imma mill-ADT. Ħlas lill-ADT jew lill-kuntattur tal-Kunsill xorta ried isir. Jekk ma jsirx il-ħlas l-ADT tissospendi l-approvazzjonijiet fil-lokal. Ittieħed vot dwar jekk għandux isir il-ħlas li ġie hekk:

Favur: Is-Sindku Graziella Galea, il-Viċi-Sindku John Bray, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa

Kontra: Il-Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima, Raymond Tabone

Astensjoni: Il-Kunsillier Jason Camilleri

Il-proposta għaddiet.

Il-Kunsillier Mario Camilleri rrefera għall-kontijiet tal-Leo's Garage u Paramount u staqsa għaliex qed joħorġu taħt kontijiet differenti meta din hi l-istess kumpanija u jekk inqabżitx il-kwota bil-liġi. Filwaqt li ġie nnutat li ż-żewġ kontijiet għandhom l-istess numru tal-VAT minkejja li taħt ismijiet differenti, is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rendikont totali taż-żewġ kontijiet għal din is-sena finanzjarja li ma qabżux il-limitu tal-kwotazzjoni approvata mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Frank Gauci qal li l-ispiża tal-iskambju taż-żgħażagħ se tkun iffinanzjata mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Il-Kunsillier Alfred Grima għamel referenza għal item 555 dwar ċertifikazzjoni ta' siti miftuħa liema dokument ġie mitlub mill-MEPA. Ġie deċiż li ċ-ċertifikazzjonijet li saru sallum jitħallsu. Jekk il-MEPA ma tiggarantix li dawn se jingħataw lura, dawn m'għandomx ikomplu jsiru. Ġie deċiż ukoll li nistaqsu lill-MEPA jekk dawn is-siti hux ser jingħalqu.

Din l-iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

* Il-Kunsillier Alex Bezzina skuża ruħhu u rtira mill-kamra

(c) Il-Kunsill approva l-Lista ta' Ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Ottubru 2009 li ammontat għal €3 747.86. Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

Il-Kunsillier Frank Gauci skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk l-increment tal-iskrivani William Vella u Sylvie Magri tingħatax awtomatikament jew fuq approvazzjoni tal-Kunsill.

5.00 **Estimi Finanzjarji Lulju 2009 sa Settembru 2009**

Is-Sindku pproponiet li tiġi sospiża l-laqgħa sabiex l-accountant tikkjarifika l-estimi finanzjarji Lulju 2009 sa Settembru 2009. Il-Kunsill qabel. Wara li l-laqgħa tkompliet, dawn ġew approvati unanimament u ffirmati.

6.00 **L-Offerta ta' Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini**

Il-Kunsill irrefera għall-offerta dwar Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini fejn filwaqt li s-somma kkwotata fl-offerta maħruġa żdiedet biss b'20% ġiet inkluża wkoll il-latrina ta' Triq San Geraldu iżda ma żdiedx il-valur għal din il-latrina. Għaldaqstant ġie mistoqsi kemm ser ikun il-valur għal din l-offerta fejn għaliha id-Dipartiment alloka €56 905.

Il-Kunsill approva li l-valur m'għandux jeċċedi €40 000 bil-VAT u *Management Fee* inkluża.

Il-Kunsill approva li l-kwotazzjoni tal-Latrina tas-Sirens kif ukoll l-offerta eżistenti tal-latrini pubbliċi, tiġi estiża sakemm tiġi mogħtija l-offerta.

7.00 **Kwotazzjonijiet:**

a) Minkejja li ntbgħatu tlett kwotazzjonijiet il-Kunsill ma rċeva l-ebda waħda lura. Il-Kunsillier Ray Bartolo staqsa jekk intbgħatx avviż fil-Gażżetta tal-Gvern u jekk iva talab kopja. Welcome Boards

b) Intefgħu tlett kwotazzjonijiet hekk kif ġej: Bandli tal-Veċċ

| Supplier | Merry Go Round | Slide | 2 Cage seat swing | 2 Flat/Plain Seat swing | Installation | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **B. Grima & Sons Ltd** | **€2 650** | **€2 360** | **€1 320** | **€1 055** | **€1 200** | **€8 585** |
| **JGC Ltd.** | **€895** | **€1 350** | **€ 1 650** | **€950** | **NIL** | **€4 845** |
| **M-Quip** | **€760** | **€1 348.05**<br>**€1 640.55**<br>**€1 947.50**<br>**€1 870.55**<br>**€1 961.75** | **€777.91**<br>Inc.Installation & Shakles | **€404.68**<br>Inc. Installation & Shakles | | **€3 290.64**<br>**€3 583.14**<br>**€3 890.09**<br>**€3 813.14**<br>**€3 904.34** |

c) Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

Inġabru tlett kwotazzjonijiet. Il-Kunsillier Martin Zerafa staqsa għaliex ser issir din is-sistema meta hemm is-servizz tas-Sage. Gie spjegat li s-sistema tikkonċerna fuq il-ħruġ tal-permessi għall-krejnijiet u *Bye Laws* hekk kif kien talab l-awditur. Gie deċiż li jsir kuntatt mal-Accountant sabiex tispjega. Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

d) Il-Kunsill bagħat għal tlett kwotazzjonijiet kif talab id-Dipartiment, iżda ntefgħu tnejn. Fuq parir legali mogħti mill-avukat tal-Kunsill waqt l-istess laqgħa, il-Kunsill approva li għandu jinnota illi saret sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet iżda rnexxielu jiġbor tnejn mit-tlieta li talab. Fiċ-ċirkustanzi hemm ġustifikazzjoni li mmorru għal żewġ kwotazzjonjiet li nissalvagwadjaw is-saħħa pubblika. Il-Kunsill għandu javża lid-Dipartiment u jekk joġġezzjona nimxu mal-linja gwida tiegħu. Ġbir Temporanju ta' Skart Domestiku

**Intefgħu żewġ kwotazzjonijiet hekk kif ġej:**

Northern Cleaning fejn ser jipprovdi tlett trakkijiet għall-prezz ta' €5 44.24 kuljum u jekk hemm bżonn fil-Ħdud u festi Pubbliċi għall-istess prezz. Ser ipprovdi u jbattal 30 bin-on-wheel li jesgħu elf litru u 30 oħra ta' 240 litru. Il-prezz fix-xahar hu dak ta' € 16 555.

Velljo services li lest li jagħti servizz mit-Tnejn sas-Sibt,fejn ser jaħdem bi tlett trakkijiet u

wieħed żgħir u bi tlett trakkijiet kbar nhar ta' Ħadd għall-prezz ta' €14 170 fix-xahar u lest li jipprovdi 36 bins-on-wheels li jesgħu elf litru.

Abbażi li Veljo Services offra l-oħros servizz, il-Kunsillier Mario Camilleri ippropona li jintgħażel dan il-kuntrattur sabiex jagħti dan is-servizz mitlub mill-Kunsill sakemm jistenna d-direttiva mid-Dipartiment dwar meta għandha toħroġ l-offerta għall-istess servizz. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Abela. Il-proposta għaddiet Nem Con.

8.00 **Espressjoni ta' Interess għal Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

9.00 **Xogħol Infrastrutturali**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

10.00 **Milied 2009**

**a)** Dawl Dekorattiv u Tiżjin Ieħor Relatat mal-Milied
**b)** Attivitajiet Varji
**c)** Party għat-Tfal bi Bżonnijiet Speċjali

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

11.00 **Aġġornamenti**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.

12.00 **Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fid-8.55pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Perit Graziella Galea BE & A (Hons)***
***Sindku***

***Rose Camilleri DPA***
***Segretarju Eżekuttiv***

4 ta' Novembru 2009

ref: 55/8042/ 09/ Orc